MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 193/2002

**Appell Nru 193/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lawrence Borg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Borg talli f'Marsascala, fix-xhur qabel id-data tac-citazzjoni (**1**) b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu (***sic!***) jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu, jew b'xi

mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor, u talli (**2**) zamm kelb minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Lawrence Borg hati skond l-ewwel imputazzjoni (li tipotizza r-reat ta' *ragion fattasi* kontinwat) u kkundannatu multa ta' hamsin lira (Lm50); fis-sentenza taghha l-ewwel qorti ma ddecidiet xejn dwar it-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Lawrence Borg, minnu ppresentat fit-2 ta' Awissu, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2002; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda sqaq – bl-isem ta' Sqaq it-Torri – li jibda minn Triq il-Qaliet (M'Scala) u jisbokka fi Triq is-Siberja u f'toroq ohra (ara skizz a fol. 29). F'dawn il-proceduri jirrisulta li xehedu (quddem il-Perit Legali Dott. Angelo Farrugia) il-Perit Joe Borg Grech, Alex Gauci Borda u Alfred Lang (apparti l-Ispettur Walter Spiteri li kien xehed biss biex jezibixxi riferta pozittiva ta' l-imputat Borg). L-imputat Lawrence Borg baqa' ma xehedx. Mill-kumpless tal-provi jirrisulta li f'dana l-isqaq, li minnu kienu regolarment jghaddu (ghall-anqas bir-rigel) Borg Grech, Gauci Borda u Lang, hemm bozoz bid-dawl tal-Gvern, ossia s-servizz tad-dawl ta' l-Enemalta, kif ukoll jghaddu minn taht l-art is-servizzi ta' l-ilma, drenagg u telefon. F'xi zmien l-appellant imbarra parti minn dan l-isqaq – l-ewwel bil-gebel u wara bl-injam, u terga' wara b'xatbiet tal-hadid – ghax, kif qal lil Alex Gauci Borda, dik il-parti ta' l-isqaq kienet saret tieghu ghax hu kien sar il-proprjetarju tal-bini fuq iz-zewg nahat ta' dik il-parti ta' l-isqaq.

L-appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, jikkontendi li l-kwerelanti qatt ma kellhom il-"pussess" tal-parti ta' l-isqaq li huwa ghalaq, u li fi kwalunkwe kaz ma giex pruvat li l-isqaq kien sqaq pubbliku. Hu jikkontendi li dak li ghamel

ghamlu biex jiprotegi l-proprjeta` tieghu u biex iwaqqaf dik it-tolleranza li a bazi taghha l-kwerelanti kienu jghaddu mill-isqaq.

Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li galadarba mill-isqaq kienu jgahddu s-servizzi pubblici u kien hamm anke erbgha *street lights* (kif xehed Alex Gauci Borda in kontro-ezami fis-16 ta' Dicembru, 1996, fol. 23), il-preseunzjoni hi li kien hemm *"a right of public passage"*. Din il-preseunzjoni ma giet b'ebda mod ribattuta mill-imputat quddiem il-Qorti Inferjuri. Ghalhekk persuni li kienu jgawdu dan id-dritt ta' passagg (fosthom il-kwerelanti) gew effettivament imfixkla mill-imputat meta dana ghalaq parti minn dana l-isqaq kif inghad. Konsegwentement kienet korretta l-ewwel qorti meta waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant (allura imputat) kien ha l-ligi f'idejh meta imbarra l-isqaq u fixkel lil haddiehor fit-tgawdija ta' l-istess passagg.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Assistent Registratur